StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

**IT-TIELET SENA** **STORJA (ĠENERALI)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

**1.1. Sors A juri l-penisola ewlenija ta' bejn iż-żewġ portijiet prinċipali tal-Gżejjer Maltin. Kompli t-tabella. L-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju.**




| | | |
|---|---|---|
| **A** | *Berġa* | *ta' Kastilja* |
| **B** | Subborg | |
| **Ċ** | Fortizza | |
| **D** | Sptar | |
| **E** | Palazz | |
| **F** | Knisja Konventwali | |
| **G** | Kenn għad-dgħajjes | |
| **Ġ** | Fortizza | |

(7 x 1 = 7)

1.2 X'tinnota dwar:

(i) id-difiża tal-Belt Valletta: ______________________________ (1)

(ii) it-tqassim tat-toroq: ______________________________ (1)

(iii) il-pożizzjoni tal-Fortizza Ċ: ______________________________

______________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Wieġeb dawn dwar il-bini u l-iżvilupp tal-Belt Valletta fi żmien il-Kavallieri.**

2.1 Qiegħed dawn il-ġrajjiet wara xulxin. Agħmel dan billi tagħmel sing taħt is-sekwenza t-tajba.

| | |
|---|---|
| 1 | Issir iċ-ċerimonja tat-tqiegħid tal-ewwel ġebla tal-Belt il-Ġdida. |
| 2 | Ġlormu Cassar ikompli x-xogħol wara li Laparelli telaq minn Malta. |
| 3 | Francesco Laparelli jħejji l-pjanti tal-Belt il-Ġdida. |
| 4 | Jispiċċa l-Assedju l-Kbir tal-1565. |
| 5 | Il-Gran Mastru del Monte ħa l-Kavallieri jgħixu fit-tined sakemm tlestiet il-Belt Valletta. |
| 6 | Jitwassal l-ilma fil-Belt Valletta bit-tlestija tal-akwidott ta' Wignacourt. |

Agħżel waħda minn dawn:
(i) **4,2,5,1,6,3**
(ii) **1,3,5,4,2,6**
(iii) **6,5,2,3,1,4**
(iv) **3,4,2,1,5,6**
(v) **6,3,1,3,2,4** (3)

2.2 Liema **tnejn** minn dawn għandhom rabta mal-Belt Valletta fi żmien il-Kavallieri:
(*il-festa tal-Imnarja, l-arazzi tal-Gran Mastru Perellos, is-Sacra Infermeria, il-Lazzarett, il-Qorti tal-Inkwiżitur*) (2)

**(Total 5 marki)**

**3. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarhom.**



**Sors B**



**Sors Ċ**

3.1 Għid x'qed tara f'sorsi B u Ċ. ______________________________ (1)

3.2 Binjiet bħal dawn fil-Gżejjer Maltin inbnew mill-Kavallieri fis-seklu ______________ (1)

3.3 Binjiet bħal dawn inbnew fi żmien **tlieta** minn dawn il-Gran Mastri. Agħmel sing taħt it-tajbin. (*Verdalle, Wignacourt, De Paule, Lascaris, De Redin, Cotoner, Perellos*) (3)

3.4 X'kienet ir-raġuni li nbnew qrib ix-xtut u fuq l-għoljiet?

(1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3.5 Kif kienu armati dawn? ______________________________________________

3.6 Għaliex binjiet bħal dawn insibu bħalhom fi Spanja, fl-Italja t'Isfel, f'Sardinja u fi Sqallija?

______________________________________________ (1)

**(Total 8 marki)**

**4. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**Sors D**

Il-pajsaġġ Malti huwa miżgħud b'diversi binjiet ta' żminijiet differenti. Fl-ibliet u l-irħula antiki nsibu diversi kappelli, niċeċ bi statwi tal-qaddisin u fdalijiet ta' mtieħen. Il-knisja parrokkjali kienet tiddomina fuq il-bini kollu, aktarx f'nofs ir-raħal u b'misraħ mdaqqas quddiemha, iċ-ċentru fejn kont issib l-aktar servizzi meħtieġa fir-raħal. Hekk kif wieħed jitlaq mir-raħal u jasal fil-kampanja, kien jiltaqa' ma' għadd ta' binjiet u strutturi li jfakkruna fi żminijiet u f'xogħlijiet tradizzjonali, l-aktar dawk marbutin mal-biedja.



*Kappella fil-kampanja Maltija*

4.1 Dwar xiex titratta din is-silta?

______________________________________________ (1)

4.2 X'kienet ir-raġuni li l-Maltin bnew ħafna kappelli u niċeċ fl-ibliet u l-irħula?

______________________________________________ (1)

4.3 Fil-kampanja nsibu niċeċ ddedikati għall-erwieħ tal-purgatorju. X'kien l-iskop li għalih saru dawn in-niċeċ?

______________________________________________ (1)

4.4 Minn din is-silta kif nindunaw li l-Maltin u l-Għawdxin kienu jqisu l-knisja parrokkjali bħala l-aktar binja importanti fir-raħal?

______________________________________________ (2)

4.5 Semmi **żewġ** servizzi ewlenin li wieħed kien isib fil-misraħ tar-raħal tradizzjonali Malti.

______________________________________________ (2)

4.6 Semmi xogħol tradizzjonali ieħor li kont tara fir-raħal Malti minbarra dak tal-biedja.

______________________________________________ (1)

**(Total 8 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. **Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi dwar l-Imdina u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors E**



**Sors F**

5.1 X'kien ġara lill-popolazzjoni tal-Imdina fis-sekli 16 u 17? Għid għaliex.

________________________________________________

________________________________________________ (2)

5.2 Xi ħsarat kienet ġarrbet l-Imdina fl-1693? ________________________ (1)

5.3 Liema bini importanti kellu jerġa jinbena mill-ġdid? ____________________ (1)

5.4 Liema Gran Mastru li jidher f'Sors E rrestawra l-Imdina fis-seklu 18? __________ (1)

5.5.1 F'Sors F tidher parti magħrufa ħafna mill-Imdina. Għid liema parti hi.

________________________________________________ (1)

5.5.2 B'liema stil arkitettoniku nbena dan il-post? ________________________ (1)

5.5.3 Liema minn dawn kien l-arkitett ta' dan il-proġett? (*Preti*, *Favray*, *Mondion*, *Valperga*) (1)

5.6 Agħmel sing taħt it-**tliet** binjiet li reġgħu nbnew mill-ġdid fl-Imdina fis-seklu 18:
(*it-torri tal-istandard*, *il-kastellanija*, *il-Palazz Vilhena*, *is-swar*, *il-Palazz Muniċipali*) (3)

5.7 Spjega f'sentenza l-importanza tal-Imdina llum il-ġurnata.

________________________________________________ (2)

5.8 Semmi **żewġ** modi ta' kif l-Imdina nistgħu nibqgħu nieħdu ħsiebha.

(i) ________________________________________________

(ii) ________________________________________________ (2)

**(Total 15-il marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. **Qabbel dawn il-konsegwenzi mal-ġrajjiet mill-istorja ta' Malta fi żmien il-Kavallieri. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

- Is-servizz tal-ilma twassal fil-Belt Valletta.
- Il-Kavallieri ddeċidew li jibqgħu Malta għal kollox.
- Bdiet issir għassa stretta kontra l-eretiċi.
- Kien hemm żieda ġmiela fl-infieq u fid-dejn mill-Kavallieri.
- Malta kellha waħda mill-aħjar servizzi tas-saħħa fil-Mediterran.
- Kien jipprovdi xogħol u qligħ ta' flus lill-Maltin.

| | **Ġrajja** | **Konsegwenza** |
|---|---|---|
| 6.1 | *Il-Kavallieri jiġu Malta.* | *In-nobbli tal-Imdina tilfu l-poter politiku li kellhom fuq il-Maltin.* |
| 6.2 | Il-Kavallieri u l-Maltin rebħu l-Assedju l-Kbir. | |
| 6.3 | Il-Kavallieri bnew l-akwidott mill-Imdina sal-Belt Valletta. | |
| 6.4 | Il-Maltin bdew jagħtuha għas-sibi. | |
| 6.5 | L-Inkwiżizzjoni waqqfet il-Qorti tagħha f'Malta. | |
| 6.6 | Il-Kavallieri jibnu s-*Sacra Infermeria* fil-Belt Valletta. | |
| 6.7 | It-tmexxija tal-Gran Mastru Pinto. | |

(6)

6.8 Ikteb konsegwenza (riżultat) għal dawn il-ġrajjiet li seħħew f'Malta fi żmien il-Kavallieri:

(i) Il-Pesta l-Kbira li daħlet f'Malta fl-1675 wasslet għal ________________________

________________________________________________________________ (2)

(ii) Bis-saħħa tal-miġja ta' Mattia Preti f'Malta ______________________________

________________________________________________________________ (2)

(iii) Il-wasla ta' Napuljun f'Malta fl-1798 fissret ______________________________

________________________________________________________________ (2)

**(Total 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**7. Agħżel SITTA (6) u ikteb sentenza biex tgħid x'sehem taw dawn fi żmien il-Franċiz f'Malta. Ikteb it-tweġibiet tiegħek fil-kaxxi mogħtija.**

| | | |
|---|---|---|
| 7.1 |  | Ferdinand von Hompesch |
| 7.2 |  | Napuljun Bonaparti |
| 7.3 |  | Orazju Nelson |
| 7.4 |  | Dun Mikiel Xerri |
| 7.5 |  | Claude Henri Vaubois |
| 7.6 |  | Dun Franġisku Saverju Caruana |
| 7.7 |  | Sir Alexander Ball |
| 7.8 |  | Manwel Vitale |

**(Total 6 x 2 = 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**8. Agħmel sing taħt it-tweġibiet tajbin dwar ir-Rivoluzzjoni Franċiża.**

**Sors F.**
Il-Waqgħa tal-Bastilja,
14 ta' Lulju 1789.



8.1 Qabel ir-rivoluzzjoni, Franza kienet (*monarkija assoluta, repubblika popolari, monarkija kostituzzjonali*). (1)

8.2 Il-poter fi Franza kien kollu f'idejn (*il-Knisja Kattolika, in-nobbli, ir-re*). (1)

8.3 Liema **tlieta** minn dawn kienu eżentati mit-taxxi qabel ir-rivoluzzjoni: (*il-negozjanti, in-nobbli, il-bdiewa, il-kleru,il-familja tar-re, il-professjonisti*). (3)

8.4 Ġrajja simbolika ewlenija marbuta mal-bidu tar-Rivoluzzjoni Franċiża kienet meta (*r-re ħarab minn Franza,il-poplu ħa f'idejh il-Bastilja, saret l-eżekuzzjoni tar-re*). (1)

8.5 Ir-re ta' Franza fi żmien ir-Rivoluzzjoni kien (*Luwiġi XVI, Franġisku I, Ġorġ III*). (1)

8.6 Bir-Rivoluzzjoni, ir-re (*ħarab lejn l-Ingilterra, irriżenja u baqa' jgħix fi Franza, inqatel bil-giljottina*). (1)

8.7 Matul ir-rivoluzzjoni, il-Gvern Franċiż għamel riforma soċjali importanti meta abolixxa (neħħa) (*t-taxxi, il-privileġġi, il-piena tal-mewt*). (1)

8.8 Ir-Rivoluzzjoni Franċiża wasslet biex kien hemm (*iżjed gwerer, iżjed ftehim, iżjed kummerċ*) bejn il-qawwiet Ewropej ta' dak iż-żmien. (1)

**(Total 10 marki)**

**9. Agħżel wieħed minn dawn it-temi u ikteb fit-tul dwaru.**

9.1 Fisser kif il-Kavallieri għamlu l-Belt Valletta bħala ċ-ċentru (i) amministrattiv (tal-gvern), (ii) soċjali u (iii) artistiku tal-Gżejjer Maltin.

9.2 Ikteb dak li taf dwar **tnejn** minn dan il-wirt tal-Kavallieri f'Malta: (i) is-*Sacra Infermeria*, (ii) il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, (iii) il-Palazz tal-Gran Mastri, (iv) il-Bereġ tal-Kavallieri. (10 x 2 = 20 marka)

9.3 Spjega għaliex il-ħakma tal-Franċiżi f'Malta damet biss sentejn, jiġifieri bejn l-1798 u l-1800.

**(Total 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers